**15 ta' Marzu, 1996**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL. D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Francesco Saverio Borg

*versus*

Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Smigh Xieraq - Imhallef - Rikuża - Ritrattazzjoni**

*Ir-rikorrent allega li ma kienx qiegħed jingħata smigħ xieraq għaliex il-ġudikanti li kienu fil-Qorti ta' l-Appell ma aċċettawx ir-rikuża tagħhom fil-proċeduri minnu intentati għar-ritrattazzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-liġi tħalli lill-ġudikant fil-liberta' li jiddeċidi, f'każ ta' ritrattazzjoni, jekk għandux jisma' l-każ hu meta jkun ġa' ddeċieda l-kawża li tkun qiegħda tiġi ritrattata. Biex il-ġudikant jastjeni meta r-ritrattazzjoni tkun ibbażata fuq l-artikolu 811 (e) tal-Kapitolu 12 jeħtieġ li għall-inqas jidher li l-bażi tar-ritrattazzjoni tkun verament* prima facie *a bażi ta' dak l-artikolu.*

Il-Qorti:-

Ir-rikorrent qed jilmenta li b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Francesco Saverio Borg *vs* Joseph Mallia *et*** ġew lilu leżi d-drittijiet fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq protetti fl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif illum inkorporata fil-Kap. 319. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell ċaħdet talba għar-rikuża ta' l-Aġent President ta' dik il-Qorti, l-Imħallef Carmel A. Agius, "minħabba li kien parti mill-Qorti li ddeċidiet il-kawża li tagħha kienet qed tintalab ritrattazzjoni quddiem l-istess Qorti". It-talba għar-rikuża ta' l-Imħallef Agius ġiet respinta filwaqt li dik il-Qorti għamlet riserva li tirrevedi dik id-deċiżjoni jekk ikun il-każ, fil-kors tat-trattazzjoni u jekk tirriżulta, il-ħtieġa;

Ir-rikorrent allura aġixxa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala l-Qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali li tieħu konjizzjoni ta' talbiet fuq vjolazzjonijiet jew theddid ta' vjolazzjonijiet ta'

drittijiet fondamentali billi qed isosnti illi b'dik is-sentenza hu kien qed jiġi mċaħħad mill-jedd li "kullħadd huwa intitolat għal smigħ xieraq minn Tribunal indipendenti u imparzjali" u qed jitlob dikjarazzjoni f'dan is-sens u rimedju adegwat;

Il-Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu b'din il-motivazzjoni;

"L-imsemmija Onorabbli Qorti, wara li kkunsidrat li r-ritrattant (ir-rikorrenti odjern) imkien ma jirreferi, kif jirrikjedi l-artikolu 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), għad-dispost tal-liġi li messu ġie applikat, kif ukoll li dakinhar stess kienet iddeċidiet kwistjoni simili fil-proċedura għar-ritrattazzjoni fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Fedele Dalli** *vs* **Coronato Sare'** u dan billi in kwantu jirrigwarda l-invokazzjoni ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12, dak li ngħad fiha japplika *mutatis mutandis* għall-każ preżenti, għaddiet biex tiddeċidi hekk;

Fuq l-istess bażi, u minn eżami akkurat tal-petizzjoni tar-ritrattazzjoni, din il-Qorti mhix sodisfatta *prima facie* li t-talba ta' l-attur għar-ritrattazzjoni kif magħmula a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12 li dan ma sarx bl-iskop li jiġi aġġirat l-artikolu 814 ta' l-istess Kap;

Għalhekk, it-talba għar-rikużazzjoni ta' l-Onorevoli Mħallef Agius qed tiġi respinta filwaqt li din il-Qorti tagħmel riserva li tirrevedi din id-deċiżjoni jekk fil-kors tat-trattazzjoni tirriżulta l-ħtieġa;

Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali";

Huwa risaput li l-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawża **Frank Cachia** *vs* **Onorevoli Prim Ministru** *et* deċiża fl-10 ta' Ottubru, 1991, iddeċidiet li, fil-każ ta' ritrattazzjoni a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12, kif hu l-każ fir-ritrattazzjoni *de quo*, l-Imħallfin jew Maġistrati, li jkunu taw is-sentenza attakkata, jistgħu jiġu rrikużati u/jew jistgħu jastjenu milli joqogħdu fil-kawża ta' ritrattazzjoni u b'hekk hemm deroga ta' natura kostituzzjonali għall-preċitat artikolu 814 tal-Kap. 12 li jgħid testwalment: "It-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u jistgħu joqogħdu l-istess Imħallfin jew Maġistrati";

L-imsemmija deroga għall-preċitat artikolu 814 tal-Kap. 12 ġiet, b'sentenza ta' l-istess Qorti tas-17 ta' Ġunju, 1994 fil-kawża **Carmela Bugeja** *et vs* **Onor. Prim Ministru** *et*, estiża għall-każ ta' ritrattazzjoni li ssir a bażi tas-subinċiż (1) ta' l-imsemmi artikolu 811 tal-Kap. 12;

Hu ċar, pero', li biex ikun hemm applikazzjoni ta' din id-deroga kostituzzjonali għall-artikolu 814 preċitat, il-Qorti trid tkun sodisfatta li, almenu *prima facie*, it-talba ta' ritrattazzjoni tkun verament a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 u fil-każ in eżami, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma setgħetx tasal għal din il-konklużjoni għaliex ir-ritrattant ma osservax id-dispost tal-preċitat artikolu 816 tal-Kap. 12 li jippreskrivi li fl-att stess li bih tinqala' ir-ritrattazzjoni "... meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata";

Konsegwentement, il-Qorti kellha tikkonkludi li *prima facie* ma tistax teskludi li t-talba għar-ritrattazzjoni, magħmula a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 ma saritx bl-iskop li

jiġi aġġirat l-artikolu 814 ta' l-istess Kap;

Ir-rikorrenti, fl-att promotorju tiegħu, isemmi ukoll li t-talba għar-rikużazzjoni ta' l-Onorevoli Mħallef Carmel A. Agius kienet ġustifikata *ai termini* ta' l-artikolu 734 (d) (ii) tal-Kap. 12;

Jidher, pero` li r-rikorrenti lanqas m'għandu raġun fir-rigward ta' din il-lanjanza għaliex, kif ġa` ntqal, l-artikolu 814 tal-Kap. 12, jgħid ċar u tond li "It-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u jistgħu joqogħdu l-istess Imħallfin jew Maġistrati" u kwindi, huwa manifestament ċar li l-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jistax jissuffragah;

Kwindi, din il-Qorti tikkonkludi li l-imsemmija deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell mogħtija fis-26 ta' Ottubru, 1994 fil-proċedura ta' ritrattazzjoni **Francesco Saverio Borg *vs* Joseph Mallia *et***, kuntrarjament għal dak li jippretendi r-rikorrenti, ma tivvjolax id-dritt li huwa għandu għas-smigħ xieraq quddiem Qorti indipendenti u imparzjali garantit bl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja";

F'din il-kawża hemm aspett oriġinali li l-Qorti jeħtieġ li tindaga, u ċjoe` li r-rikorrent qed jimpunja l-kostituzzjonalita` ta' l-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi jipprovdi illi "t-talba għar-ritrattazzjoni <u>għandha</u> ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u <u>jistgħu</u> joqogħdu l-istess Imħallfin jew Maġistrati". Dan hu aggravju li ma ġie qatt dedott quddiem din il-Qorti u għandu jiġi investigat. L-aggravji l-oħra tar-rikorrenti illi jirrigwardaw ir-rikuża ta' l-Imħallfin jekk tali talba kellhiex tiġi milqugħa fil-każijiet fejn ir-ritrattazzjoni hi bbażata fuq is-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 minħabba applikazzjoni ħażina

ta' liġi, diġa` ġew diversi drabi minn din il-Qorti ttrattati u din il-Qorti, kif ippresjeduta, ma ssib xejn *x'iżżid ma' dik il-ġurisprudenza* u ser issegwiha in kwantu tidher li hi applikabbli għall-każ;

Ir-rikorrent jissottmetti illi dan l-artikolu jmur kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jipprovdi li kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali minn Tribunal indipendenti. Qed isejjaħ allura lil din il-Qorti li tiddelibera fuq id-disposizzjoni leġislattivi *ut sic* li tiddeċidi jekk din hijiex in konformita` mad-dettami tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' dawk il-provvedimenti maħsuba biex jipproteġu d-drittijiet fondamentali. Dana fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha li tassigura l-konformita` tal-leġislazzjoni mal-Kostituzzjoni, liema ġurisdizzjoni hija minnha mogħtija fis-subinċiż (e) ta' l-artikolu 95 ta' l-istess Kostituzzjoni li jipprovdi illi: "Din il-Qorti tkun kompetenti li tiġġudika li jkollha ġurisdizzjoni oriġinali fuq kwistjonijiet dwar validita` ta' liġijiet";

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Tirrikjama qabel xejn l-attenzjoni għall-enfasi ġa` minnha magħmula bis-sottolinear il-kliem "**<u>għandha</u>**" u "**<u>jistgħu</u>**" meta rriproduċiet l-artikolu 814 aktar 'il fuq, għax f'dan tinstab l-ewwel risposta għall-kweżit tar-rikorrent. Il-liġi tesiġi li kull **<u>talba</u>** għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata. Mhux biss m'hemm xejn ħażin f'dan, imma hu ukoll naturali li hekk isir. Dan għaliex il-proċedura ta' ritrattazzjoni hi mhux biss waħda straordinarja imma ukoll tippresupponi żball li jeħtieġ li jiġi rrettifikat. Żball gravi kultant grossolan li jimporta *miscarriage of justice* jekk ma jiġix korrett u li, bħala regola, hu pprovokat *minn xi difett* **<u>*fil-proċeduri*</u>**. *Hu allura ovvju illi r-rikjam* li fil-fatt ġara tali żball u t-talba li dan jiġi identifikat, rikonoxxut u

rrimedjat, għandha ssir fl-ewwel lok quddiem il-Qorti li kkonduċiet dawk il-proċeduri u tat is-sentenza. U dana dejjem. Mhux bħala xi att ta' kortesija lejn il-ġudikant, imma għax il-liġi sewwa tipperċepixxi illi dak il-ġudikant hu fl-aħjar *pożizzjoni li jiġġudika* fuq talba simili u li japprezza l-aħjar jekk fil-każ minnu deċiż kinitx saret ġustizzja sostanzjali u, *jekk le, kif kellha ssir.* Dan għaliex fil-proċeduri eċċezzjonali ta' ritrattazzjoni r-rimedju mhux miftuħ għal kull infrazzjoni proċedurali, imma biss għal dawk li l-liġi stess issemmi li jkunu ta' gravita' tali li jkunu ppreġudikaw il-proċess sal-punt li bħala konsegwenza ta' tali irregolarita' tkun ser tiġi sanzjonata inġustizzja. Hu għalhekk spiss fl-interess ta' l-istess ġustizzja u tal-kontendenti illi l-kawża tiġi ritrattata quddiem, u mill-istess ġudikant, li jkun ta s-sentenza. Hekk per eżempju hu l-każ fejn ir-ritrattazzjoni tkun qed tintalab għax tiġi intraċċjata xi prova materjali u determinanti fit-termini tas-subinċiż (k) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12;

L-artikolu 814 wara li jiddisponi li t-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem l-istess Qorti li tkun tat is-sentenza impunjata, jkompli jiddisponi li l-istess ġudikant li jkun ta dik is-sentenza u li allura jkun *ħa konjizzjoni tal-meritu u ddeċidih, jista' joqgħod biex* jisma' r-ritrattazzjoni. Dan ifisser illi dak il-ġudikant jista' jagħżel jew li joqgħod jew li ma joqgħodx biex *jisma' r-ritrattazzjoni. F'dan* irid jagħmel eżerċizzju ta' diskrezzjoni biex jiddeċidi jekk għandux jastjeni jew le fis-smigħ ta' ritrattazzjoni jew jekk għandux jew le jilqa' t-talba għar-rikuża tiegħu. F'din id-deċiżjoni l-ġudikant għandu jkun iggwidat ukoll mill-ħarsien tad-dritt fondamentali tal-kontendenti quddiemu għal smigħ xieraq minn Tribunal indipendenti u imparzjali. Dan ifisser illi l-artikolu 814, filwaqt li ma jeskludix il-posibbilita' li r-ritrattazzjoni terġa' tinstema' quddiem Qorti ppresjeduta mill-istess ġudikant, bl-ebda mod ma

jimponi tassattivament li hekk isir. Għall-kuntrarju, tħalli spazju sħiħ biex il-ġudikant jassigura li l-kawża tiġi ttrattata mill-ġdid u deċiża quddiem ġudikant ieħor fejn hekk ikun fl-interess tas-smigħ xieraq u tal-ġustizzja. Allura b'rispett sħiħ tal-libertajiet fondamentali kif sanċiti fil-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-artikolu 814 hu għal kollox konformi ma' dawn l-istituti leġislattivi;

Il-ġurisprudenza nostrana f'dawn l-aħħar snin in materja ta' rikuża u astensjoni fis-smigħ waqt proċeduri għal *ritrattazzjoni*, kienet infatti spirata u ggwidata bil-prinċipji fuq enunċjati kif elaborati ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti u tal-Konvenzjoni Ewropeja. *Issir hawn ampja referenza għall-kawża fl-ismijiet* **Fedele Dalli** *vs* **Coronato Sare`** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Ottubru, 1994 li fiha ġie kkunsidrat meritu identiku għal dak imqanqal mill-appellant f'din il-kawża. F'dik il-kawża l-Qorti għaddiet in rassenja l-ġurisprudenza li llum akkwistat konsistenza u waslet għall-konklużjoni illi minn eżami tal-petizzjoni tar-ritrattazzjoni tar-ritrattant mhix *prima facie* konvinta li l-invokazzjoni tal-paragrafu (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u t-talba relattiva mhix magħmula sempliċement biex jiġi aġġirat dak li jiddisponi l-artikolu 814 (Kap. 12) u għalhekk l-istess eċċezzjoni (ta' rikuża) ġiet *miċħuda b'riserva li l-Qorti tirrikonsidra l-posizzjoni jekk fil-kors* tat-trattazzjoni jirriżultaw ċirkostanzi oħra li jkunu jiġġustifikaw tibdil f'dik id-deċiżjoni;

Din is-sentenza infatti ssegwi l-insenjament tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali in re **Frank Cachia** *vs* **Onor. Prim Ministru** *et* deċiża fl-10 ta' Ottubru, 1991. Mhux il-każ li din il-Qorti telabora oltre fuq dan l-aspett tal-kawża, *illum ormai*

ben definit u li s-sentenza appellata ġustament u skrupoložament segwiet;

*Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ* istanzi kontra l-appellant.